MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2009

Appell Kriminali Numru. 341/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Mario Magri**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Mario Magri talli f'dawn il-Gzejjer fil-lejl tal-21 u t-22 ta' Awissu 1999:

(a) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontrol Intern ta' Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew

minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni id-droga u minghajr ma kien fil-pusses ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima ta' l-ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifatura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

(b) b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, ikkaguna l-mewt ta' Adolph Farrugia ta' 21 sena imwieled Pieta' d.t.t 06/06/1978 detentur tal-karta ta' l-identita` 116385M;

(c) kellu fil-pusses tieghu d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pusses ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-raba' u s-sitt Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussses tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur ta' regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll Intern tad-Drogi u Medicini Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imsemmi Mario Magri jhallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-23 ta' Ottubru 2006, li permezz

taghha dik il-Qorti, wara li rat ir-regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939, it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii), 22(1B) tal-Kap. 101, l-artikoli 17(b), 17(h), 27, 225 (dan skond kif kien fl-1999 ghax kien hemm piena aktar favorevoli ghall-imputat u dan in linea ma’ l-artikolu 27 tal-Kap. 9 u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta), 688(d), 688(e), 692 u 694 tal-Kap. 9, sabet lill-imsemmi Mario Magri hati tat-tliet imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, u kkundannatu ghall-piena ta’ tliet (3) snin prigunerija u ghall-hlas ta’ elfejn lira Maltija (Lm2000) multa. Il-multa tista’ tithallas b’rata ta’ mitt lira (Lm100) kull erba’ gimghat u fin-nuqqas ta’ xi hlas ta’ xi pagament tkun dovuta f’daqqa. Jekk il-multa ma tithallasx, din tinbidel f’sitt xhur habs [*recte:* prigunerija] ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kap. 9. Jekk tithallas parti minnha biss, il-parti li jkun fadal tinbidel f’jum prigunerija ghal kull Lm5 mhux imhallsin b’dan pero’ li ma jistghux jaqbzu s-sitt xhur prigunerija kontemplati fl-artikolu 11(3) tal-Kap 9;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi Mario Magri pprezentat fl-1 ta’ Novembru 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjarah mhux hati tat-tliet imputazzjonijiet dedotti kontrieh u li taghhom instab hati u kwindi tilliberah minn kull imputazzjoni u htija skond il-Ligi. Minghajr pregudizzju f’kaz li dan l-appell ma jintlaqax, talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi minflok tigi imposta piena/sanzjoni aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz odjern.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant fil-qosor huma s-segwenti: (1)(a) l-azzjoni kriminali riferibbilment ghall-imputazzjonijiet (b) u (c) huma preskritti; (1)(b) minghajr pregudizzju, l-artikolu 692 tal-Kap. 9 japplika biss meta l-hati ma jkunx maghruf u mhux meta l-ghemil jew l-ezekuzzjoni tar-reat *per se* ma jkunx maghruf; (2) il-prosekuzzjoni ma setghetx tghid li

ppruvat il-kaz taghha ghal dak li jirrigwarda l-imputazzjonijiet (a) u (b) – ir-rizultanzi processwali l-anqas ma jwasslu, bhala prova, sal-grad tal-probabbli; (3) is-sejbien ta’ htija mill-ewwel Qorti hi *“unsafe and unsatisfactory”*; (4) minghajr pregudizzju ghall-premess, f’kaz biss li dak li qal Paul Busuttil jigi tradott bhala li fil-lejl *de quo* l-appellant u Adolph Farrugia kkonsmaw sustanza migjuba mill-appellant, ghandu jiskatta d-dispost ta’ l-artikolu 22(9) tal-Kap. 101; (5) minghajr pregudizzju ghall-premess, jezistu cirkostanzi li jimmilitaw favur temperament sostanzjali jew bidla sostanzjali tal-piena.

Dwar l-ewwel aggravju l-appellant jghid li l-kwistjoni ta’ preskrizzjoni tista’ tigi argumentata minn zewg perspettivi: (a) *ignorance as to the author*, jew (b) *ignorance of the commission of the crime*. B’referenza ghall-artikolu 692 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta li jipprovdi li z-zmien ta’ preskrizzjoni ghad-delitti ma jibdiex jimxi meta l-hati ma jkunx maghruf, l-appellant jghid fl-ewwel lok li dan il-provvediment mhuwiex applikabli. Dan ghaliex ghalkemm fl-istadju inizzjali ta’ l-investigazzjoni l-Pulizija seta’ ma kellhiex indikazzjoni li kien sehh xi reat, minn ezami ta’ l-atti processwali rigwardanti l-investigazzjoni inizjali jidher li l-Pulizija kienu qed jissospettaw li seta’ kien hemm *foul play*. Difatti gew arrestati xi persuni maghrufa fic-cirku tad-droga, fosthom Franklin Borg u Paul Busuttil. Ghalhekk il-prosekuzzjoni ma tistax tissottometti li kellha injoranza kompleta u oggettiva tas-suspettat u li kienet fl-impossibilita` li tipprocedi.

Issa, l-artikolu 492 tal-Kap. 9 jipprovdi testwalment hekk:

**“Iz-zmien tal-preskrizzjoni ghad-delitti ma jibdiex jimxi meta l-hati ma jkunx maghruf.”**

Din il-Qorti ezaminat l-atti processwali u minnhom ma jirrizultax, kif sostna l-appellant, li l-Pulizija ma setghetx tghid “li kellha injoranza kompleta u oggettiva tas-suspettat u li kienet fl-impossibilita` li tipprocedi”. Mix-xiehda tas-Supt. Neil Harrison jirrizulta li huwa kien investiga diversi nies in konnessjoni mal-mewt ta’ Adolph Farrugia. Huwa jghid li kellem lil Franklin Borg, Joseph

Caruana, Charlie Cachia, Emanuel Agius, Margaret Farrugia (omm id-*decujus*), Aaron Zammit, Paul Busuttil, Anthony Curmi u Paul Cutajar izda ma rrizultalu xejn li seta' jwasslu biex jidentifika iktar persuni li kellhom x'jaqsmu mal-kaz. Jigifieri mill-investigazzjonijiet li ghamlet il-Pulizija ma kienx hareg jew issemma isem l-appellant. Ghalhekk zgur hu li l-Pulizija ma kinitx fil-pozizzjoni li tipprocedi kontra l-appellant ghax la kien wiehed mill-indagati u wisq anqas wiehed mis-suspettati. Jigifieri l-Pulizija kellha, fi kliem l-appellant stess, "injoranza kompleta u oggettiva tas-suspettat".

Naturalment il-Pulizija kienet taf li kien hemm xi hadd iehor prezenti fil-garaxx dakinhar li miet Adolph Farrugia, u dan minn dak li qalet Trudy Camilleri, dak iz-zmien Cassar, li xehdet quddiem il-perit tekniku l-A.I.C. Richard Aquilina li kien gie nominat mill-Magistrat Inkwirenti. Din kienet toqghod fuq il-garaxx fejn instab id-*decujus*. Hi qalet li ghall-habta tas-2.00 a.m. qamet it-tifla taghha u hi dahlet fil-kamra tal-banju li ghandha tieqa li taghti ghax-*shaft* in komuni mal-garaxx. Qalet li osservat li fil-garaxx kien hemm id-dawl u semghet lehen ta' ragel jghid "Xi shana hawn" u li dan ma kienx lehen Adolph ghax il-vuci tieghu taghrafha. Barra minn hekk minn dak li qal Franklin Borg fl-istqarrija lill-Pulizija u fix-xiehda tieghu quddiem il-Magistrat Inkwirenti, jidher li Farrugia kellu access ghall-kokaina izda gieli akkwista eroina mieghu minghand terz (dan Borg isemmi persuna minn Hal-Qormi). Il-prezenza ta' persuna ohra kienet ukoll evidenti mill-fatt li ghalkemm Farrugia kellu puntura friska fuq l-*antecubital vein* ta' idu l-leminija, ma nstabet l-ebda siringa jew evidenza ohra relatata mat-tehid ta' l-eroina, evidenza din li kienu tnehhew tali oggetti. Ghalhekk l-appellant m'ghandux ragun l-anqas meta jissuggerixxi li kien hemm injoranza totali u oggettiva ta' l-ezekuzzjoni ta' xi reat maghmul minn terzi.

Ghalhekk din il-Qorti taqbel ma' l-ewwel Qorti li l-artikolu 692 tal-Kap. 9 hu applikabbli u konsegwentement l-azzjoni kontra l-appellant in kwantu jirrigwarda t-tieni u t-tielet imputazzjonijiet mhijiex preskritta.

It-tieni u t-tielet aggravji ta' l-appellant jirrikjedu apprezzament mill-gdid tal-provi. Issa, kif gie kostantement ritenut, huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

F'**Blackstone's Criminal Practice 2004** naqraw ukoll (para. D23.17 pagna 1668):

**"The case of *Cooper* [1969] 1 QB 267 continues to provide guidance on how the word 'unsafe' should be interpreted in determining a criminal appeal. In that case, Lord Widgery CJ explained that if the overall feel of a case left the court with a 'lurking doubt' as to whether an injustice may have been done, then a conviction will be quashed, notwithstanding that the trial was error-free. Lord Widgery said (at p. 271 C-G):**

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

**‘[This is] a case in which every issue was before the jury and in which the jury was properly instructed, and, accordingly, a case in which this court will be very reluctant indeed to intervene. It has been said over and over again throughout the years that this court must recognise the advantage which a jury has in seeing and hearing the witnesses, and if all the material was before the jury and the summing-up was impeccable, this court should not lightly interfere. Indeed, until the passing of the Criminal Appeal Act 1966 [which somewhat widened the court’s powers to quash a conviction] it was almost unheard of for this court to interfere in such a case.**

**However, now our powers are somewhat different, and we are indeed charged to allow an appeal against conviction if we think that the verdict of the jury should be set aside on the ground that under all the circumstances of the case it is unsafe or unsatisfactory. That means that in cases of this kind the court must in the end ask itself a subjective question, whether we are content to let the matter stand as it is, or whether there is not some lurking doubt in our minds which makes us wonder whether an injustice has been done. This is a reaction which may not be based strictly on the evidence as such; it is a reaction which can be produced by the general feel of the case as the court experiences it’.”**

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta’ Malta vs Ivan Gatt** fl-1 ta' Dicembru 1994, intqal hekk:

**“Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta’ din il-Qorti fil-kaz prezenti u f’kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f’dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji - kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w**

**evidentement giet emmnuta, il-funzjoni, anzi d-dover ta’ din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament.”**

L-appellant isostni li l-provi l-anqas biss iwasslu sal-grad tal-probabbli. Jghid li ma tezisti ebda prova diretta kontra tieghu u l-provi indiretti mhumiex univoci u konkordanti. Anzi jippuntaw lejn Adolph Farrugia bhala l-persuna li fil-lejl *de quo* kellu d-droga eroina tieghu stess u kienet dik li kkonsma hu. L-appellant isostni li s-sejbien ta’ htija hi wahda *“unsafe and unsatisfactory”*. Jghid li hi preokkupanti kif l-ewwel Qorti waslet biex tiddeciedi li d-droga eroina nghatat lil Adolph Farrugia minnu. Jirreferi ghall-bran fid-deposizzjoni ta’ Paul Busuttil ta’ l-1 ta’ Frar 2005 fejn qal: *“Imbaghad marru l-ghalqa, gabu minn fejn kienet mohbija, gabu minn fejn konna nahbuha jien u Mario, ghax jiena u Mario konna niehdu. Gabuha, marru l-garaxx …”* L-appellant jinsisti li jekk dan id-diskors jigi interpretat li d-droga li kkonsma Adolph Farrugia kienet dik li allegatament gab l-appellant mil-lok imsemmi ikun qed isir zball legali. Dan il-bran hu prova cirkostanzjali li ma tippuntax lejn direzzjoni wahda. F’dan il-kuntest jilmenta minn dak li qal il-Kummissarju tal-Pulizija fin-nota ta’ osservazzjonijiet tieghu u li seta’ influwenza u zvija lill-ewwel Qorti meta giet ghall-kunsiderazzjonijiet taghha. Hekk jghid li mhux minnu li Paul Busuttil mar volontarjament ghand il-Pulizija u ddenunzja lil Mario Magri bhala l-persuna responsabbli li kien ipprokura d-doza fatali li wasslet ghall-mewt ta’ Farrugia. Jghid li ma jirrizultax li Paul Busuttil qal li Mario Magri qallu li Farrugia mar sabu u talbu minn fejn kien ser jakkwista l-eroina – din hi konkluzjoni gratuwita. Jghid ukoll li Paul Busuttil mkien ma jghid li Mario Magri qallu li hu u Adolph Farrugia hadu d-droga eroina li allegatament kienet mohbija precedentement fl-ghalqa ta’ Paul Busuttil.

Skond l-appellant, anki jekk wiehed joqghod biss fuq il-verzjoni ta’ Paul Busuttil, ma tistax tasal ghar-rabta fattwali u legali bejn l-appellant u d-doza fatali kkonsmata minn Farrugia. Ghalhekk mhijiex serena u legali l-

konkluzjoni li lahqet l-ewwel Qorti li l-appellant ta d-droga eroina lil Farrugia.

Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi kollha migjuba kontra l-appellant. M'hemm l-ebda dubju li l-proceduri gew istitwiti kontra tieghu wara li Paul Busuttil – li kien wiehed mill-indagati fi zmien il-mewt ta' Adolph Farrugia – mar minn jeddu ghand il-Pulizija sabiex jaghti dik li skond hu kienet il-verita` dwar dak li gara fil-lejl ta' bejn il-21 u t-22 ta' Awissu 1999.

Fl-istqarrija tieghu, li huwa kkonferma bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti, Paul Busuttil qal li meta kien kellmu s-Supt. Harrison dwar il-mewt ta' Adolph Farrugia , ma kienx qal il-verita` ghax henn ghall-appellant u beza' li kieku qal il-verita` kienu jtajrulu rasu lill-appellant. Qal li ghax baqa' sieket milli jghid il-verita` qieghed ibati hu. Qal li dakinhar filghodu hu u l-appellant kienu xtraw gramma eroina minghand wiehed maghruf bhala Ic-Cikli. Marru l-ghalqa ta' Busuttil f'Tal-Garra limiti ta' Hal-Safi u filghaxija regghu marru jiehdu daqqa ohra mill-istess gramma. Minn hemm mar tieg u filghodu meta qam, ommu nfurmatu li lil Adolph kienet sabitu ommu mejjet gewwa il-garaxx. Wara li ha bela' te` sab lil wiehed jghidulu Il-Ferh li qallu li kien jaf li Adolph kien mar il-pjazza ghas-Sulina (jigifieri Mario Magri). Ftit wara mar ghand l-appellant ghax beza' li seta' spicca hazin ukoll u wara li fetahlu missieru, *"jiena bdejt nimxi fil-kuritur ta' isfel u kif jiena staqsejt lil Mario jekk kienx jaf x'gara, Mario qalli 'zgur miet ic-capua' – nispjega li 'ic-capua' kien il-laqam ta' Adolph. Wara li libes niftakar li Mario s-Sulina qalli li Adolph kien mar ifittxu l-pjazza ta' Hal-Safi quddiem il-kazin tal-banda u talbu biex imorru jiehdu daqqa eroina. Mario kompla biex qalli li marru l-ghalqa bil-Peugeot ta' capua u marru l-garage fejn instab mejjet ic-capua. Meta kienu hemm Mario rrakkontali li Adolph kien sajjar l-eroina u li kien ghamel hafna u li meta Adolph faqqa l-eroina fuq is-siggu Adolph kien baqa' fuq is-siggu u wara li tefghu fuq is-sodda qalli wkoll li kien mesah lil Adolph mill-fingerprints b'bicca carruta mxarrba. Nghid illi Mario qalli wkoll li meta faqqa' hu, jigifieri Mario, kien gie gravi wkoll u raqad fuq xi saqqu u meta gie lura f'tieghu qalli li kien ra lil*

*Adolph spicca u prova jitla' mix-xaft izda fil-flat ta' fuq il-garage kien hemm toqghod certa Trudy u peress li semaghha tifflaxxja beza' u hareg mill-garage. Mario qalli wkoll li hu xtaq johrog mix-xaft biex ihalli l-bieb tal-garage maghluq. Mario qalli wkoll li kull ma setghu jaqbduh il-Pulizija kien mill-fingerprints li seta' halla mal-garage. Dakinhar stess il-Hadd Mario qalli li l-kumplament li kien fadal mid-droga s-siringi l-imgharfa u c-citric kien hbihom gewwa sqaq li hemm qrib id-dar tieghu u xi tliet gimghat wara konna morna narmu s-siringi u l-oggetti l-ohra f'skip il-Mosta halli zgur ma jinstabux."*

Meta Paul Busuttil xehed quddiem l-ewwel Qorti, fix-xiehda tieghu bazikament ikkonferma dak li qal fl-istqarrija lill-Pulizija. Pero` spjega illi wara li hu u l-appellant xtraw il-gramma eroina minghand "Ic-Cikli", marru hadu daqqa l-ghalqa tieghu (ta' Busuttil) u filghaxija qabel it-tieg marru jiehdu daqqa ohra *"u hbejnieha [d-droga] fejn konna nahbuha s-soltu"*. Dwar x'gara meta Adolph Farrugia mar ghall-appellant il-pjazza spjega :

*"Xhud : Imbaghad marru ghalqa, gabu minn fejn kienet mohbija, gabu minn fejn konna nahbuha jien u Mario, ghax jiena u Mario konna niehdu. Gabuha, marru l-garaxx.*
*Pros : Ezattament fejn kontu tahbuha inti u Mario ?*
*Xhud : L-ghalqa tieghi.*
*Pros : Ghandha xi isem partikolari din l-ghalqa ?*
*Xhud : Tal-Garra."*

L-appellant gie arrestat wara li Paul Busuttil mar ghand il-Pulizija biex jghid dak li kien sar jaf. L-appellant ta l-verzjoni tieghu lill-Pulizija fl-istqarrija li huwa ghamel fit-8 ta' Jannar 2005. Fiha ammetta li kien ma' Adolph fil-lejl in kwistjoni. Jghid li Adolph mar ghalih xil-11.30 p.m. Jghid li Adolph kien jidher xurban *"u qalli biex immur mieghu u urieni basket tal-plastic u qalli li kellu l-imbarazz. Jiena dak il-hin mort mieghu u wara li dorna dawra ma' Hal-Safi Adolph ipparkja l-misrah. Wara li morna fil-garage dhalna gewwa xi hadd minna ghalaq il-bieb tal-garage u Adolph*

*beda jsajjar l-eroina jekk kienx fuq il-mejda mhux cert. Wara li Adolph ha l-eroina bil-labra u jiena hadt l-eroina tieghi t-tnejn intlifna minn sensina, wara xi hin jiena qomt u sibt li Adolph kien spicca u minn fuq is-siggu poggejtu fuq is-sodda u hrigt 'il barra ghax bzajt u hassejt hekk dak il-hin."* Lil Adolph ipprova jimshu b'bicca carruta mxarrba biex forsi jigi f'tieghu. Ma ppruvax johrog mix-xaft ghax ma felahx jimxi. Qal li hu kien jixtri l-eroina minghand Gharbi li kien jahdem mieghu fuq ix-xoghol izda dik li kellu Adolph ma jafx minn fejn gabha. Is-siringi li uzaw, u li kienu fil-borza li kellu Adolph, hbihom go hajt u wara remihom fi skip.

Din il-verzjoni mhux guramentata tikkontrasta ma' dik guramentata ta' Paul Busuttil principalment in kwantu jirrigwarda dak li ghamlu bejn il-hin li Adolph Farrugia u l-appellant iltaqghu fil-pjazza u li marru l-garaxx ta' Farrugia, il-provenjenza ta' l-eroina, u r-raguni ghaliex l-appellant ma ppruvax johrog mix-xaft. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dak li l-appellant ipprova jaghmel fl-istqarrija tieghu kien biss tentattiv ta' *damage control* galadarba l-Pulizija issa kienu a konoxxenza tal-fatt li huwa kien l-ahhar persuna li ra lil Adolph Farrugia haj.

L-appellant jghid li wara li Farrugia mar ghalih il-pjazza, daru dawra ma' Hal-Safi. Jekk il-hsieb ta' Farrugia kien li jiehdu daqqa, jaghmel sens li l-ewwel imorru dawra ta' xejn? X'kienet ir-raguni ta' din id-dawra? Fil-fehma ta' din il-Qorti, ir-risposta tinsab f'dak li xehed Paul Busuttil li kien qallu l-appellant – li marru l-ghalqa ta' Busuttil ghall-eroina li kien ghad baqa' minn dik li kienu xtraw u uzaw dakinhar stess. L-appellant jghid li l-eroina li kien juza hu kien jixtriha minghand Gharbi li kien jahdem mieghu izda ma joffrix dettalji tieghu. Mill-banda l-ohra Busuttil specifikatament semma li hu u l-appellant kienu xtraw dakinhar stess minghand wiehed Charlie c-Cikli li joqghod Hal-Safi u li dak iz-zmien kellu l-bar tal-kazin tal-football tal-Mqabba. L-appellant jghid li hu ma felahx jimxi ahseb u ara kemm sejjer johrog mix-xaft. Pero` Busuttil jghid li l-appellant kien qallu li xtaq johrog mix-xaft izda fil-flat ta' fuq il-garaxx kienet toqghod certa Trudy u peress li semaghha tifflaxxja beza' u hareg mill-garaxx. Huwa aktar

verosimili dak li qal Busuttil peress illi dettal bhalma hu dak li l-appellant sema' lil Trudy tifflaxxja seta' sar jafu biss minghand l-appellant. Fil-fatt Trudy Camilleri xehdet illi ghall-habta tas-2.00 a.m. qamet minhabba t-tifla marret fit-toilet u meta hi dahlet fil-kamra tal-banju li ghandha tieqa li taghti ghax-*shaft* in komuni mal-garaxx, osservat li fil-garaxx kien hemm id-dawl u semghet lehen ta' ragel jghid "Xi shana hawn" u li dan ma kienx lehen Adolph ghax il-vuci tieghu taghrafha; kif uzat il-*flushing* id-dawl ta' isfel intefa'. Din il-Qorti inoltre tistaqsi: kieku Adolph Farrugia kellu diga` l-eroina fil-pussess tieghu, kellu ghalfejn jitlob lill-appellant imur mieghu biex ikollu jaqsam ma' l-appellant minflok izommha kollha ghalih? Fl-istqarrija tieghu l-appellant jghid li Adolph Farrugia kien qallu li dakinhar kien diga` ha eroina qabel ma mar il-kazin. Pero` mir-rapport ta' l-espert medikolegali Dr Mario Scerri jirrizulta li puntura wahda friska kien hemm fl-id il-leminija kif jidher mir-ritratt numru 5 anness ma' l-istess rapport (pagna 10 tar-rapport). Minn dan kollu ghalhekk l-ewwel Qorti ma kellha l-ebda raguni li tiskarta x-xiehda ta' Paul Busuttil u setghet ghalhekk legalment u ragjonevolment tifhem, kif del resto tifhem din il-Qorti mill-bran suriprodott, li meta Adolph Farrugia u l-appellant telqu flimkien mill-pjazza l-ewwel marru l-ghalqa ta' Busuttil biex igibu l-eroina li kienet mohbija u kienet proprju dik l-eroina li ntuzat minn Farrugia u mill-appellant.

Ghaldaqstant it-tieni u t-tielet aggravji qed jigu michuda wkoll.

Permezz tar-raba' aggravju tieghu l-appellant jghid li kemm-il darba din il-Qorti tikkonkludi li d-droga li kkonsmaw Adolph Farrugia u l-appellant kienet dik provduta mill-appellant, ghandu jigi applikat l-artikolu 22(9) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta peress illi allura si trattava ta' *sharing*.

L-imsemmi subartikolu (9) ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 101 jipprovdi hekk :

**"(9) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 21 u 28A tal-KodiciKriminali u d-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-**

***Probation* ma jkunux applikabbli dwar xi persuna misjuba hatja ta' reat kif imsemmi fis-subartikolu (2)(*a*)(i) jew fis-subartikolu (2)(*b*)(i):**

**Izda meta, dwar xi reat imsemmi f'dan is-subartikolu, wara li jitqiesu c-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz l-ammont u x-xorta tal-medicina in kwistjoni, ix-xorta ta' persuna involuta, l-ghadd u n-natura ta' kull kundanna li l-persuna kellha qabel, inkluzi kundanni li dwarhom tkun saret ordni taht l-Att dwar il-*Probation*, il-Qorti tkun tal-fehma li l-hati kien bi hsiebu jikkonsma l-medicina f'dak l-istess post flimkien ma' ohrajn, il-Qorti tista' tiddeciedi li ma tapplikax id-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu:**

**Izda wkoll il-hati jista' jikseb beneficcju ghal darba wahda biss mid-disposizzjonijiet tal-proviso li jigi minnufih qabel dan."**

Din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li Adolph Farrugia u l-appellant ikkunsmaw id-droga flimkien u f'cirkostanzi normali seta' jigi applikat il-*proviso* tas-subartikolu (9) appena citat. Pero` hawn ma kellniex cirkostanzi normali peress illi t-tehid tad-droga, anke jekk b'opera tad-*decujus* stess li, skond l-appellant, "sajjarha" Farrugia stess, wasslet ghall-mewt ta' persuna.

Bhalma ntqal fl-appell kriminali **Il-Pulizija v. Richard Grech** deciz fil-21 ta' Marzu 1996 u citat ukoll *in extenso* mill-ewwel Qorti :

**"4. Mill-esperjenza ordinarja tal-hajja, il-hsara – hsara fizika jew mentali, jew mewt – li setghet tigi kagunata bl-uzu ossia amministrazzjoni ta din id-droga, kienet <u>prevedibbli</u> ghall-appellant. Fi kliem iehor, hu wera kemm imprudenza kif ukoll traskuragni meta ghadda l-eroina lill-vittma. Kif jispjega l-gurista Francesco Carfora (<u>Digesto Italiano</u>, Vol. 7, Parte 2, v. Colpa (materiale penale), Diritto Vigente, p. 775), jekk il-prudenza tikkonsisti filli persuna taghmel dak li hu ragjonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannuzi ta' ghemilha, l-imprudenza, li hi**

**n-negazzjoni ta ‘ din il-virtu`, tikkonsisti filli wiehed jaghmel avventatament dawk l-affarijiet li hu messu ppreveda li setghu jikkagunaw hsara. It-traskuragni, mill-banda l-ohra, timplika certa non-kuranza, certu abbandun kemm intellettiv kif ukoll materjali. Fiz-zewg kazijiet, pero` il-hsara tkun prevedibbli ghalkemm mhux prevista : kieku kienet ukoll prevista, wiehed ikun qieghed fil-kamp doluz b'applikazzjoni tad-dotrrina ta' l-intenzjoni pozittiva indiretta. Fil-kaz in dizamina l-appellant forna l-eroina evidentement biex din tigi uzata – dan hu l-element pozittiv tan-ness kawzali; mill-banda l-ohra ma jirrizultax li l-hsara, il-mewt f'dan il-kaz, kienet dovuta ghal xi konkors ta' fatturi eccezzjonali – l-element negattiv tan-ness kawzali (ara Antolisei, F. op. cit. p.214). Fi kliem iehor, kieku ma kienx ghall-eroina li forna l-appellant, Derk Fenech ma kienx imut meta miet."**

Dan japplika wkoll ghall-kaz in ezami. Ghalhekk din il-Qorti, anke peress illi l-imsemmi subartikolu (9) ihalliha fid-diskrezzjoni tal-Qorti jekk ghandhiex tapplika l-imsemmi *proviso* jew le, hi tal-fehma li mhux il-kaz li tali *proviso* jigi applikat.

L-ahhar aggravju jirrigwarda l-piena. L-appellant jghid illi jezistu cirkostanzi li jimmilitaw favur temperament sostanzjali jew f'bidla sostanzjali tal-piena nflitta.

In materja ta' piena l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[2].

F'dan il-kaz jidher li kien hemm negligenza kontributorja da parti tal-vittma, il-fedina penali ta' l-appellant kienet u ghadha netta, ir-rapport ta' l-ufficjal tal-*probation* huwa ferm pozittiv u minnu jirrizulta li l-appellant ghaddej f'hajja

[2] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

stabbli u ta' bzulija ferm 'il boghod minn kull tip ta' vizzju. Dawn fil-fatt huma fatturi li l-ewwel Qorti diga` hadet in konsiderazzjoni. Issa, bhalma jintqal f'**Blackstone's Criminal Practice 2004**:

**"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in *Nuttall* (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will…be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, *though they may appear heavy to individual judges*' (emphasis added). Similarly, in *Gumbs* (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: *'…that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle."* Both Channell J in *Nuttall* and Lord Hewart CJ in *Gumbs* use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."** [3]

[3] Page 1695, para. D23.45

Fil-kaz in ezami, stante li l-ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni dak kollu li kien hemm x'wiehed jikkonsidra u stante li l-piena applikata hi mhux biss fil-parametri tal-ligi izda aktar toqrob lejn il-minimu milli l-massimu, din il-Qorti ma ssibx li ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti ghal dik li hi l-piena nflitta.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier b'dan illi jekk l-appellant ghamel xi terminu taht arrest preventiv dan ghandu jitnaqqas mill-piena ta' prigunerija nflitta. **Inoltre peress illi ngab a konjizzjoni ta' din il-Qorti illi recentement l-imsemmi Mario Magri kien il-vittma ta' sparatura fuq il-persuna tieghu u kellu minhabba f'hekk jghaddi minn sensiela ta' interventi kirurgici u ghadu jehtieg kura kontinwa u kostanti anke minhabba riskju serju ta' infezzjonijiet, din il-Qorti qed tattira l-attenzjoni tad-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin specifikatament ghal dawn ic-cirkostanzi sabiex ikun jista' minnufih jipprovdi din il-kura li l-appellant ghad ghandu bzonn fl-Isptar jew facilita` medika ohra.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------